



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.9.2017
C(2017) 6229 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.9.2017

**li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u regoli tal-kondotta tal-operazzjonijiet
applikabbli għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assikurazzjoni (insurance distribution directive, "IDD") tieħu post id-Direttiva 2002/92/KE tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assikurazzjoni. Din tipprovdi qafas legali armonizzat u aġġornat li jirregola r-regoli applikabbli għad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-assikurazzjoni u r-riassikurazzjoni, inklużi prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni.

IDD timmira li ssaħħa il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri aħħarija li jixtru prodotti tal-assikurazzjoni jew prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni billi jiġi żgurat li jkun hemm trasparenza akbar tad-distributuri tal-assikurazzjoni fir-rigward tal-prezz u l-ispejjeż tal-prodotti tagħhom, informazzjoni aħjar u aktar komprensibbli tal-prodott u regoli tal-kondotta tan-negozju mtejba, b'mod partikolari fir-rigward ta' parir. Ir-regoli l-ġodda se jkunu applikabbli għall-kanali kollha ta' distribuzzjoni, inkluż il-bejgħ dirett minn kumpaniji tal-assikurazzjoni biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għad-distributuri kollha u jagħtu garanzija ta' standards għolja ta' protezzjoni għall-konsumaturi.

IDD tipprovdi kapitolu speċifiku b'rekwiżiti addizzjonali tal-kondotta tan-negozju għall-bejgħ ta' prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni. Dawn ir-regoli huma meħtieġa biex jiggarrantixxu livell konsistenti ta' protezzjoni għall-investituri aħħarija. Prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni ta' sikwit jinbiegħu bħala alternattivi jew sostituti potenzjali għal prodotti ta' investment mibjugħa bl-immut skont id-Direttiva 2014/65/UE ("MiFID II"). Biex tevita arbitraġġ regolatorju, IDD fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi, id-divulgazzjoni tal-ispejjeż u l-ħlasijiet għall-klijenti, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti minn partijiet terzi (inċentivi) u l-għoti ta' pariri dwar l-investment. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ġeneralment allinjati mal-istandards stabbiliti skont il-MiFID II.

Dan ir-Regolament Delegat attwali huwa bbażat fuq tliet responsabbilizzazzjonijiet fil-kapitolu dwar il-kondotta addizzjonali ta' operazzjonijiet ta' negozju għall-bejgħ ta' prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni. Huwa għandu l-għan li jispeċifika l-kriterji u d-dettalji prattiċi għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess, dwar l-inċentivi u dwar il-valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza. Sabiex tiġi żgurata koerenza u tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva tar-regoli applikabbli għall-prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni, jidher xieraq li jiġu integrati l-atti delegati taħt it-tliet responsabbilizzazzjonijiet f'dan ir-Regolament Delegat attwali.

2. IL-KONSULTAZZJONIJIET QABEL MA JIĠI ADOTTAT L-ATT

Il-Kummissjoni kkummissjonat lill-EIOPA biex tipprovdiha pariri tekniċi dwar atti delegati possibbli li jikkonċernaw l-IDD. Fl-24 ta' Frar 2016, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba formali għal parir tekniku dwar atti delegati possibbli skont l-IDD.

Fl-4 ta' Lulju 2016, l-EIOPA ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni rigward il-parir tekniku tagħha dwar atti delegati possibbli dwar IDD. Sat-3 ta' Ottubru 2016, l-EIOPA rċeviet 53 tweġiba. Fit-23 ta' Settembru 2016, l-EIOPA organizzat seduta pubblika dwar l-abbozz tal-parir tekniku tagħha għal atti delegati skont l-IDD.

L-EIOPA tat il-parir tekniku tagħha fl-1 ta' Frar 2017. Dan ir-Regolament Delegat attwali huwa bbażat fuq il-parir tekniku pprovdut mill-EIOPA. Dan jiddevja mill-parir tekniku fil-punti li ġejjin ta' dettall: (1) Fil-lista indikattiva ta' sitwazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala l-kriterji minimi għall-valutazzjoni tal-kunflitti ta' interessi (l-Artikolu 3(3)), ir-Regolament

Delegat iħalli barra punt isemmi speċifikament fir-riċeviment ta' benefiċċji monetarji u mhux monetarji sabiex jirriflettu aħjar id-differenzi fit-trattament ta' inċentivar IDD u l-MiFID II. Il-lista tipprowdi, madankollu, punt aktar ġenerali li jkopri kunflitti ta' interessi minħabba l-forom kollha ta' qligħ finanzjarju għad-detriment potenzjali tal-klijent. (2) Fid-dispożizzjoni dwar inċentivi (Artikolu 8), ir-Regolament Delegat hu differenti mill-parir tekniku f'forma ta' preżentazzjoni ta' lista mhux eżawrjenti tal-kriterji meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' impatt detrimentali fuq il-kwalità tas-servizz lill-klijent billi ma jinkludix dispożizzjoni dwar ir-rekwiżiti organizzazzjonali. Dan minħabba l-limitazzjoni tar-responsabbilizzazzjoni tal-Kummissjoni fl-Artikolu 29(4) tal-IDD li jkopri biss l-ispeċifikazzjoni tal-“kriterji għall-evalwazzjoni dwar jekk l-inċentivi mħallsa jew irċevuti minn intermedjarju tal-assikurazzjoni jew impriża tal-assikurazzjoni għandhomx impatt detrimentali fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent”.

Flimkien mal-parir tekniku, l-EIOPA ppreżentat il-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inkluża l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-atti delegati¹.

Is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom diversi laqgħat ma' partijiet konċernati differenti biex jiddiskutu l-atti delegati futuri skont l-IDD matul l-2016 u l-ewwel nofs tal-2017. Is-servizzi tal-Kummissjoni għamlu wkoll diversi skambji mal-Membri tal-Kumitat tal-ECON tal-Parlament Ewropew u kellhom diversi laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Settur Bankarju, l-Assikurazzjoni u l-Pagamenti (Formazzjoni tal-Assikurazzjoni) (EGBPI), li matulu ġew diskussi l-atti delegati. F'Ġunju 2017, il-membri EGBPI ġew ikkonsultati dwar it-test legali tal-abbozz ta' Regolament Delegat. Dawn il-proċessi ta' konsultazzjoni wasslu għal kunsens wiesa' dwar il-kontenut essenzjali ta' dan ir-Regolament Delegat.

L-abbozz tar-Regolament Delegat ġie ppubblikat għal feedback dwar il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar fl-20 ta' Lulju 2017. Feedback mill-24 parti interessata kien riċevut permezz ta' forma elettronika sad-data tal-iskadenza tas-17 ta' Awwissu 2017. Il-kummenti rriflettw l-aktar pożizzjonijiet li diġà ġew espressi mill-partijiet interessati matul il-fażi ta' konsultazzjoni deskritta hawn fuq li kienet ittiegħdet inkonsiderazzjoni fit-tfassil tal-abbozz tar-Regolament Delegat. Talbiet għal regoli aktar preskrittivi dwar l-inċentivi u għall-konferma jew il-kjarifika tar-regoli u l-prinċipji diġà espressi fid-Direttiva ma setgħux jiġu kkunsidrati minħabba limitazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni. Kummenti oħra li identifkaw żbalji tekniċi u inkonsistenzi kienu ttiegħdu inkonsiderazzjoni u rriżultaw f'titjib tekniku tal-abbozz leġiżlattiv (ara, pereżempju, il-preżentazzjoni tal-lista tal-proċeduri u l-miżuri skont il-politika tal-kunflitti ta' interess fl-Artikolu 5(1).

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Kapitolu I: Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Dan il-kapitolu jstipula l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-assikurazzjoni b'rabta mal-bejgħ ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni u jinkludi definizzjonijiet b'rabta mal-kunċett ta' “persuna rilevanti” għall-finijiet tar-regoli dwar kunflitti ta' interess u t-termini “inċentiv” u l-“iskema ta' inċentiv”.

Kapitolu II: Kunflitti ta' interess u inċentivi

Fir-rigward il-kunflitti ta' interess, id-dispożizzjonijiet tal-IDD huma alinjati mill-qrib ma' dawk tal-MiFID II. Konsegwentement, ir-regoli rilevanti f'dan ir-Regolament Delegat isegwu

¹ Parir Tekniku dwar atti delegati possibbli dwar id-Direttiva tad-Distribuzzjoni tal-Assikurazzjoni, EIOPA-17/048, l-1 ta' Frar 2017, disponibbli hawnhekk: <https://eiopa.europa.eu/Publications/Consultations/EIOPA%20Technical%20Advice%20on%20the%20IDD.pdf>.

mill-qrib ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni dwar il-MiFID II². Dawn jikkonsistu f'artikolu dwar l-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess, li jiddeskrivi ċerti sitwazzjonijiet li jinħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni ta' kunflitti ta' interess, segwit minn dispożizzjonijiet dwar il-politika fuq il-kunflitti ta' interess li jagħtu dettalji dwar il-miżuri organizzazzjonali li għandhom jittieħdu minn intermedjarji tal-assikurazzjoni u impriżi tal-assikurazzjoni li jiġġestixxu kunflitt ta' interess.

Kemm l-MiFID II u kemm l-IDD jipprovdu kemm regoli li jinkwadraw il-pagament ta' "inċentivi", jiġifieri tariffi, kummissjonijiet jew benefiċċji mhux monetarji mħallsa jew ipprovduti minn kwalunkwe parti ħlief il-klijent. Dan jinkludi tipikament kummissjonijiet imħallsa minn kumpaniji tal-assikurazzjoni lil aġenti tal-assikurazzjoni. Madankollu, jeżistu differenzi bejn ir-regoli fl-IDD u l-MiFID II.

Skont l-IDD, il-pagamenti ta' inċentivi huma permessi biss jekk "(a) ma jkollhomx impatt detrimental fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent; u (b) ma jfjixklux il-konformità mad-dmir tal-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni li jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali skont l-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom".

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tispeċifika, *inter alia*, "il-kriterji biex jiġi evalwat jekk l-inċentivi mħallsa jew riċevuti minn intermedjarju tal-assikurazzjoni jew impriża tal-assikurazzjoni għandhomx impatt detrimental fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent".

Ir-regoli dwar l-inċentivi huma bbażati fuq il-prinċipju ta' evalwazzjoni ġenerali, li jirrikjedu li l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni biex "jivvalutaw il-fatturi rilevanti kollha li jżidu jew inaqqsu r-riskju ta' impatt detrimental fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent". F'konformità mar-responsabbilizzazzjoni, huma jipprovdu lista ta' kriterji biex jiġi evalwat jekk l-inċentivi mħallsa jew riċevuti minn intermedjarju tal-assikurazzjoni jew impriża tal-assikurazzjoni jżidu r-riskju ta' impatt detrimental fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti.

Kapitolu III: Valutazzjoni tal-idoneità u l-adeqwatezza

Ir-regoli fl-IDD dwar id-dispożizzjoni ta' parir fid-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni huma fil-biċċa l-kbira identiċi mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-MiFID II. Konsegwentement, hekk kif fil-kapitolu dwar kunflitti ta' interess, ir-Regolament Delegat attwali jsegwi fil-biċċa l-kbira r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni skont il-MiFID II.

Id-dispożizzjonijiet jiddeskrivu l-kundizzjonijiet dettaljati għall-valutazzjoni tal-idoneità li tapplika fil-każ ta' bejgħ b'konsulenza u l-valutazzjoni ta' adegwatezza li għanda tiġi applikata f'bejgħ meta l-klijent, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli ma teħtieġ l-ebda parir.

Skont l-IDD, l-Istati Membri għandhom l-għażla li jippermettu l-bejgħ saħansitra mingħajr valutazzjoni tal-adeqwatezza fir-rigward tal-hekk imsejħa prodotti mhux kumplessi. Id-definizzjoni ta' tali prodotti ssegwi fil-biċċa l-kbira r-regoli korrispondenti tal-MiFID II. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tispeċifika l-kriterji għal prodotti mhux kumplessi ta' investiment fl-assikurazzjoni. L-artikolu rilevanti ta' dan ir-Regolament Delegat huwa bbażat fuq id-dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni skont il-MiFID II. Madankollu biex jiġu akkomodati strutturi speċifiċi ta' prodotti tal-assikurazzjoni hu

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzazzjonali u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-impriżi tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva, ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1.

jipprovdi kundizzjoni addizzjonali li tikkonċerna l-eżistenza ta' garanzija. Għall-bqija li jifdal, il-kundizzjonijiet fil-biċċa l-kbira jsegwu r-regoli skont il-MiFID II. L-istess japplika għall-artikoli finali dwar rappurtar ta' klijenti u ż-żamma ta' rekords.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.9.2017

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u regoli tal-kondotta tal-operazzjonijiet applikabbli għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assikurazzjoni³, u b' mod partikolari l-Artikolu 28(4), l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 30(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/97 tippovdi għal sett ta' standards speċifiċi mmirati li jindirizzaw prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni, apparti standards tal-kondotta tal-operazzjonijiet stipulati għall-prodotti tal-assikurazzjoni kollha.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2016/97 tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati biex tispeċifika aktar il-kriterji u d-dettalji prattiċi għall-applikazzjoni ta' dak is-sett speċifiku ta' regoli. Is-setgħat rilevanti mogħtijin jikkonċernaw regoli dwar kunflitti ta' interess, inċentivi u dwar il-valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tad-dispożizzjonijiet adottati fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll l-investituri jkunu pprovdu b'fehim komprensiv u aċċess faċli għal dawn id-dispożizzjonijiet, huwa mixtieq li dawn jiġu inklużi f'att legali wieħed. Il-forma ta' Regolament tiżgura qafas koerenti għall-operaturi tas-suq kollha u hija l-aħjar garanzija possibbli għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni uniformi u standard ta' protezzjoni għal konsumaturi komuni u xieraq.
- (3) Iċ-ċirkostanzi u s-sitwazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-tipi ta' kunflitti ta' interess li x'aktarx ikunu ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali jinħtieġ li jkopru l-każijiet fejn l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni x'aktarx li tagħmel qligħ finanzjarju, jew li tevita telf finanzjarju għad-dannu lill-klijent. Madankollu, f'tali sitwazzjonijiet, jinħtieġ li ma jkunx biżżejjed li l-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni tista' tikseb benefiċċju jekk dan ma jirriżultax b' mod speċifiku f'impatt detrimental għall-klijent, jew li klijent wieħed li l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni li jkollha obbligu tista' tagħmel qligħ jew tevita telf mingħajr ma jkun hemm impatt detrimentali konkomitanti ta' klijent ieħor bħalu.
- (4) Sabiex jiġu evitati piżijiet amminstrattivi mhux meħtieġa filwaqt li jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni ta' klijenti, il-miżuri organizzazzjonali u l-proċeduri għall-

³ ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19.

immaniġġar tal-kunflitti ta' interess jinħtieġ li jiġu adattati għad-daqs u l-attivitajiet tal-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni u tal-grupp li huma jistgħu jagħmlu parti minnu, u għar-riskju ta' ħsara għall-interessi tal-klijent. Jinħtieġ li tiġi stabbilita lista mhux eżawrjenti ta' miżuri u ta' proċeduri possibbli sabiex tagħti gwida għal intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni fir-rigward ta' miżuri u proċeduri li normalment jinħtieġ li jiġu kkunsidrati għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi. Minħabba l-varjetà ta' mudelli tan-negozj, il-miżuri u l-proċeduri proposti jistgħu ma jkunux ta' rilevanza għall-intermedjarji u l-impriżi kollha tal-assikurazzjoni. Dawn jistgħu, b'mod partikolari, ma jkunux xierqa għal intermedjarji tal-assikurazzjoni żgħar u l-kamp ta' applikazzjoni limitat tagħhom tan-negozju. F'każijiet bħal dawn, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni jew l-impriżi tal-assikurazzjoni jinħtieġ li jkunu kapaċi jadottaw miżuri u proċeduri alternattivi li huma aktar adattati sabiex jiżguraw, fis-sitwazzjoni partikolari tagħhom, li l-attivitajiet ta' distribuzzjoni huma mwettqa b'konformità mal-aħjar interessi tal-klijent.

- (5) Filwaqt li d-divulgazzjoni ta' kunflitti tal-interess speċifiċi hi meħtieġa skont id-Direttiva (UE) 2016/97, din jinħtieġ li tkun miżura tal-aħħar rikors li għandha tintuża biss jekk l-arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw, b'fiduċja raġonevoli, li r-riskji ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti se jiġu evitati minħabba dipendenza żejda li d-divulgazzjoni tista' tirriżulta f'nuqqas ta' protezzjoni effettiva tal-interessi tal-konsumatur. Id-divulgazzjoni ta' kunflitti ta' interessi minn intermedjarju ta' assikurazzjoni jew impriża ta' assikurazzjoni ma tistax teżentaha mill-obbligu li żżomm u li topera l-arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi li huma l-iktar mezz effettiv għall-prevenzjoni tad-danni lill-konsumaturi.
- (6) Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni Prattika tal-istandards stabbiliti mid-Direttiva, il-kriterji għall-valutazzjoni ta' inċentivi mħallsa jew riċevuti minn intermedjarji tal-assikurazzjoni u impriżi tal-assikurazzjoni jinħtieġ li jkunu stabbiliti f'aktar dettall. Għal dan il-għan, lista mhux eżawrjenti ta' kriterji meqjusa bħala rilevanti għall-valutazzjoni tal-possibilità ta' impatt detrimentali fuq il-kwalità tas-servizz lill-klijent jinħtieġ li tiġi pprovduta bħala gwida biex jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni tal-klijenti.
- (7) Il-valutazzjoni tal-idoneità stabbilita fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97 u l-valutazzjoni tal-adegwatezza stabbilita fl-Artikolu 30(2) ta' din id-Direttiva għandhom kamp ta' applikazzjoni differenti fir-rigward l-attivitajiet ta' distribuzzjoni li jirrelataw għalihom, u għandhom funzjonijiet u karatteristiċi differenti. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ċar l-istandards u r-rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa għal kull waħda minn dawk il-valutazzjonijiet u fit-tweqqiq tal-valutazzjonijiet. Jinħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li l-valutazzjonijiet tal-idoneità u l-adegwatezza huma mingħajr preġudizzju għall-obbligu, għal intermedjarji tal-assikurazzjoni u impriżi tal-assikurazzjoni, biex jispeċifikaw, qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt tal-assikurazzjoni, fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mill-klijent, id-domandi u l-bżonnijiet ta' dak il-klijent.
- (8) Jinħtieġ li l-valutazzjoni tal-idoneità titwettaq mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' rakkomandazzjonijiet biex tixtri prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni, iżda għar-rakkomandazzjonijiet personali kollha magħmula matul il-ħajja ta' dak il-prodott, peress li sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jimplikaw pariri fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li jinħtieġ li jkunu bbażati fuq analiżi fil-fond tal-għarfien u l-esperjenza u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent individwali. Il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-idoneità hija partikolarment b'saħħitha fejn jidhru d-deċiżjonijiet biex

jibdlu l-assi sottostanti ta' investment jew li jżommu jew ibigħu prodotti ta' investment ibbażati fuq l-assikurazzjoni.

- (9) Billi l-iskopertura tas-suq tal-prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni tiddependi ħafna fuq l-għażla ta' assi ta' investment sottostanti, prodott bħal dan jista' ma jkunx addattat għall-klijent jew għall-klijent potenzjali minħabba r-riskji ta' dawk l-assi, it-tip jew il-karatteristiċi tal-prodott jew il-frekwenza ta' tibdil ta' assi ta' investment sottostanti. Hija tista' wkoll ma tkunx addattata jekk dan jista' jirriżulta f'portafoll mhux addattat tal-investimenti sottostanti.
- (10) Jinħtieġ li l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni jibqgħu responsabbli biex iwettqu valutazzjonijiet tal-idoneità fejn parir dwar prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni jingħata b'mod sħiħ jew parzjalment permezz ta' sistema awtomatizzata jew semiawtomatizzata ladarba tali sistemi qed jipprovdu rakkomandazzjonijiet ta' investment personali li jinħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-adegwatezza.
- (11) Sabiex jiġi żgurat standard xieraq ta' pariri rigward l-iżvilupp fit-tul tal-prodott, jinħtieġ li l-intermedjarji tal-assikurazzjoni jew l-impriżi tal-assikurazzjoni jinkludu d-dikjarazzjoni dwar l-idoneità, u jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti għal, informazzjoni dwar jekk prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni rakkomandati x'aktarx jirrikjedu li l-klijent jiġi mitlub ifittex reviżjoni perjodika tal-arranġament tagħhom.
- (12) Il-valutazzjoni ta' adegwatezza għandha, fil-prinċipju, tiġi mwettqa fil-każijiet kollha fejn prodott ta' investment fl-assikurazzjoni jinbiegħu mingħajr parir, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni jinħtieġ li jwettqu valutazzjoni bħal din fis-sitwazzjonijiet kollha fejn, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali, il-klijent jeħtieġ bejgħ mingħajr parir u jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva (UE) 2016/97 ma jkunux sodisfati. F'każijiet fejn valutazzjoni tal-idoneità ma tistax issir minħabba li l-informazzjoni meħtieġa dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent kif ukoll dwar l-oġettivi ta' investment tiegħu ma jistgħux jinkisbu, il-klijent jista' jaqbel, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali, li jipproċedi biex jikkonkludi l-kuntratt bħala bejgħ mingħajr parir. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-klijent ikollu l-esperjenza u l-għarfien neċessarji biex jifhem ir-riskji involuti, jinħtieġ li l-valutazzjoni ta' adegwatezza tkun meħtieġa f'sitwazzjonijiet bħal dawn, sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva (UE) 2016/97.
- (13) Għall-finijiet tal-punt (a)(ii) tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva (UE) 2016/97, jinħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji għall-evalwazzjoni ta' jekk prodott ta' investment ibbażat fuq l-assikurazzjoni li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva (UE) 2016/97, jista' madankollu jitqies bħala prodott mhux kumpless. F'dan il-kuntest, l-għoti ta' garanziji jista' jaqdi rwol importanti. Jekk prodott ta' investment ibbażat fuq l-assikurazzjoni jipprovdi garanzija mal-maturità li tkopri mill-inqas l-ammont totali mħallas mill-klijent, bl-esklużjoni tal-ispejjeż leġittimi, garanzija bħal din tillimita b'mod sinifikanti l-punt sa fejn il-klijent ikun espost għall-fluttwazzjonijiet tas-suq. Għalhekk jista' jkun iġġustifikat li tali prodott jiġi kkunsidrat, soġġett għal kundizzjonijiet oħra, bħala prodott mhux kumpless għall-finijiet tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva (UE) 2016/97.
- (14) Id-Direttiva (UE) 2016/97 timmira lejn armonizzazzjoni minima u għalhekk ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jżommu jew idaħħlu dispożizzjonijiet aktar rigorużi biex jipproteġu lill-konsumaturi, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ikunu konsistenti mal-liġi tal-Unjoni. Kull dispożizzjoni adottata mill-Kummissjoni għall-

finijiet li tkompli tispeċifika r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva (UE) 2016/97 b'hekk jinħtieġ li tkun imfassla b'tali mod li tippermetti lill-Istati Membri biex iżommu dispożizzjonijiet aktar stretti fil-liġijiet nazzjonali tagħhom.

- (15) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-professjonisti tal-assikurazzjoni jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda li jinsabu f'dan ir-Regolament, jinħtieġ li d-data tal-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun allinjata mad-dħul fis-seħħ tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2016/97.
- (16) L-Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, ġiet ikkonsultata għal parir tekniku⁵,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal distribuzzjoni ta' assikurazzjoni b'rabta mal-bejgħ ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni mwettqa minn intermedjarji tal-assikurazzjoni jew minn impriżi tal-assikurazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "persuna rilevanti" b'rabta ma' intermedjarju ta' assikurazzjoni jew impriża ta' assikurazzjoni, tfisser kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
 - (a) direttur, sieħeb jew l-ekwivalenti tiegħu, jew maniġer tal-intermedjarju jew tal-impriża, jekk applikabbli;
 - (b) impjegat tal-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew tal-impriża tal-assikurazzjoni, kif ukoll kwalunkwe persuna fiżika oħra li s-servizzi tagħha jitqiegħdu għad-dispożizzjoni jew taħt il-kontroll tal-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni u min hu involut fid-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni;
 - (c) persuna fiżika li tkun involuta direttament fil-provvediment ta' servizzi lill-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni taħt ftehim ta' esternalizzazzjoni għall-fini tad-distribuzzjoni mill-intermedjarju jew impriża ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni;
- (2) "inċentiv" tfisser kwalunkwe tariffa, kummissjoni jew kwalunkwe benefiċċju mhux monetarju pprovdut minn jew lil tali intermedjarju jew impriża b'rabta mad-

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

⁵ Parir Tekniku dwar atti delegati possibbli dwar id-Direttiva tad-Distribuzzjoni tal-Assikurazzjoni, EIOPA-17/048, l-1 ta' Frar 2017, jinsab hawnhekk: <https://eiopa.europa.eu/Publications/Consultations/EIOPA%20Technical%20Advice%20on%20the%20IDD.pdf>.

distribuzzjoni ta' prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni, lil jew minn kwalunkwe parti h'ief il-klijent involut fit-tranżazzjoni inkwistjoni jew minn persuna li ta'għxi għan-nom ta' dak il-klijent;

- (3) "skema ta' inċentiv" t'fisser sett ta' regoli li jirregolaw il-pagament ta' inċentivi, inklużi l-kundizzjonijiet li bihom jitħallsu l-inċentivi.

Kapitolu II

Kunflitti ta' interess u inċentivi

Artikolu 3

Identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess

1. Għall-finijiet li jiġu identifikati, skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/97, it-tipi ta' kunflitti ta' interess li jinbtu matul it-tweġġ ta' xi attivitajiet ta' distribuzzjoni ta' assikurazzjoni b'rabta ma' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni u li jinvolvu riskju ta' ħsara għall-interessi ta' klijent, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jivvalutaw jekk dawn, persuna rilevanti jew kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta magħhom permezz tal-kontroll, ikollhom interess fl-eżitu tal-aktivitajiet ta' distribuzzjoni tal-assikurazzjoni, li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- (a) din hija distinta mill-interess tal-klijenti jew tal-klijenti potenzjali fir-risultat tal-aktivitajiet ta' distribuzzjoni tal-assikurazzjoni;
- (b) din għandha l-potenzjal li tinfluwenza l-eżitu tal-aktivitajiet ta' distribuzzjoni għad-detriment tal-klijent.

L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jipproċedu bl-istess mod għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess bejn klijent wieħed u ieħor.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, permezz ta' kriterji minimi, is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni, persuna rilevanti jew kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta magħhom permezz tal-kontroll x'aktarx jagħmlu gwadann finanzjarju, jew jevitaw telf finanzjarju, għad-dannu ta' klijent potenzjali;
- (b) l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni, persuna rilevanti jew kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta magħhom għandhom inċentiv finanzjarju jew inċentiv ieħor biex jiffavorixxu l-interess ta' klijent jew grupp ta' klijent ieħor għad-dannu tal-interess tal-klijent;
- (c) l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni, persuna rilevanti jew persuna direttament jew indirettament marbuta permezz ta' kontroll ma' intermedjarju ta' assikurazzjoni jew impriża ta' assikurazzjoni hija sostanzjalment involuta fil-ġestjoni jew l-iżvilupp ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni, b'mod partikolari fejn tali persuna għandha influwenza fuq l-iffissar tal-prezz ta' dawn il-prodotti jew spejjeż ta' distribuzzjoni.

Artikolu 4
Kunflitti ta' politika ta' interess

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom ikunu mistennija jstabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika effettiva ta' kunflitti ta' interess stabbilita bil-miktub u addattata għad-daqs u għall-organizzazzjoni u n-natura tagħhom, l-iskala u l-komplessità tan-negozju tagħhom.
Jekk l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni tkun membru ta' grupp, il-politika għandha tqis ukoll kull ċirkostanza li tagħha l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni hi jew għandha tkun konxja minnha, li jistgħu jagħtu lok għal kunflitti ta' interess li jinħoloq b'riżultat tal-istruttura u l-attivitajiet tan-negozju ta' membri oħrajn fil-grupp.
2. Il-politika tal-kunflitti ta' interess stabbilita skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kontenut li ġej:
 - (a) b'referenza speċifika għall-attivitajiet ta' distribuzzjoni ta' assikurazzjoni mwettqa, iċ-ċirkostanzi li jikkostitwixxu jew li jistgħu jagħtu lok għal kunflitti ta' interess li fih riskju ta' ħsara għall-interessi ta' klijent wieħed jew aktar;
 - (b) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex jiġu ġestiti tali kunflitti u jinżammu milli ssir ħsara għall-interessi tal-klijent.

Artikolu 5
Il-proċeduri u l-miżuri skont il-kunflitti tal-politika ta' interess

1. Il-proċeduri u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(2)(b) għandhom ikunu xierqa għad-daqs u l-attivitajiet tal-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni u tal-grupp li huma jistgħu jagħmlu parti minnu, u għar-riskju ta' ħsara għall-interessi tal-klijent.
Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 4(2)(b) għandhom jinkludu, fejn xieraq, dan li ġej:
 - (a) proċeduri effettivi biex jipprevjenu jew jikkontrollaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn persuni rilevanti involuti f'attivitajiet li jinvolvu riskju ta' kunflitti ta' interessi meta l-iskambju ta' dik l-informazzjoni jista' jkun ta' ħsara għall-interessi ta' klijent wieħed jew iżjed;
 - (b) is-superviżjoni separata ta' persuni rilevanti li l-funzjonijiet prinċipali tagħhom ikunu jinvolvu t-twettiq ta' attivitajiet f'isem ta', jew li jipprovdu servizzi, lil klijenti jew investituri li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu konfliġġenti, jew li b'xi mod ieħor ikunu jirrappreżentaw interessi differenti li jistgħu jkunu konfliġġenti, inklużi dawk tal-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni;
 - (c) it-tneħħija ta' kull rabta diretta bejn il-pagamenti, inkluża r-rimunerazzjoni ta' persuni rilevanti involuti prinċipalment f'attività waħda u pagamenti, inkluża r-rimunerazzjoni, lil persuni rilevanti differenti involuti prinċipalment f'attività oħra, fejn jista' jinħoloq kunflitti ta' interess marbut ma' dawk l-attivitajiet;
 - (d) miżuri biex jipprevjenu jew jillimitaw lil kwalunkwe persuna milli teżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod ta' kif attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-

assikurazzjoni huma mwettqa minn intermedjarju tal-assikurazzjoni jew impriża tal-assikurazzjoni jew il-manigġers tagħhom jew l-impjegati jew kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta magħhom permezz tal-kontroll;

- (e) miżuri ta' prevenzjoni jew kontroll tal-involviment simultanju jew sekwenzjali ta' persuna rilevanti f'attivitajiet separati ta' distribuzzjoni ta' assikurazzjoni fejn dan l-involviment jista' jdgħajjef l-immaniġġar tajjeb tal-kunflitti ta' interess;
 - (f) politika ta' rigali u benefiċċji li tiddetermina b'mod ċar taħt liema kundizzjonijiet rigali u benefiċċji jistgħu jiġu aċċettati jew mogħtija u liema passi għandhom jittieħdu fl-aċċettazzjoni u l-għoti ta' rigali u benefiċċji.
2. Jekk l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni jistgħu juru li l-miżuri u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux xierqa biex jiġi żgurat li attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-assikurazzjoni huma mwettqa skont l-aħjar interess tal-klijent u li ma jkunux ippreġudikati minħabba kunflitti ta' interessi tal-intermedjarju tal-assikurazzjoni, l-impriża tal-assikurazzjoni jew klijent ieħor, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jadottaw miżuri alternattivi adegwati u proċeduri għal dak l-għan.

Artikolu 6

Divulgazzjoni

1. L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jevitaw dipendenza żejda fuq divulgazzjoni biex jiżguraw li d-divulgazzjoni lil klijenti, skont l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva (UE) 2016/97, hi l-aħħar miżura li tista' tintuża biss fejn l-arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi effettivi stabbiliti mill-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni biex jevitaw jew jimmaniġġaw kunflitti ta' interess skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/97 ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw, b'kunfidenza raġonevoli, li r-riskju ta' danni għall-interessi tal-klijenti se jiġi evitat.
2. Għall-finijiet ta' divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jagħmlu l-affarijiet kollha li ġejjin:
- (a) jipprovdu deskrizzjoni speċifika tal-kunflitt ta' interessi inkwistjoni;
 - (b) jispjegaw in-natura ġenerali u s-sorsi tal-kunflitt ta' interess;
 - (c) jispjegaw ir-riskji għall-konsumaturi li jirriżultaw bħala riżultat tal-kunflitt ta' interess u l-passi meħuda biex jimmitigaw dawk ir-riskji;
 - (d) jiddikjaraw b'mod ċar li l-arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi stabbiliti mill-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew mill-impriża tal-assikurazzjoni biex jevitaw jew jimmaniġġaw il-kunflitt ta' interess mhumiex suffiċjenti biex jiġi żgurat, b'fiduċja raġonevoli, li r-riskji tal-ħsara għall-interessi tal-klijent se jiġi evitati.

Artikolu 7

Reviżjoni u żamma ta' rekords

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jivvalutaw u jirrevedu

perjodikament, tal-anqas fuq bażi annwali, il-politika dwar il-kunflitti ta' interess stabbilita skont l-Artikolu 4 u jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas.

2. L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom iżommu u jaġġornaw b'mod regolari rekord tas-sitwazzjonijiet li fihom ikun hemm kunflitt ta' interess li fih riskju ta' ħsara għall-interessi ta' klijent li jkun inqala', fil-każ ta' servizz jew attività li tkun għaddejja.

Il-maniġment superjuri, l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni għandhom jirċievu fuq bażi frekwenti, u tal-anqas kull sena, rapporti bil-kitba dwar is-sitwazzjonijiet riferiti fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 8

Valutazzjoni tal-inċentivi u l-iskemi ta' inċentivi

1. Inċentivi jew skema ta' inċentivi għandha titqies li jkollha impatt detrinentali fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent meta tkun ta' tali natura u daqs li tipprovdi inċentiv biex jitwettqu attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-assikurazzjoni b'tali mod li ma jkunux f'konformità mal-obbligu li jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali skont l-aħjar interessi tal-klijent.
2. Għall-finijiet li jiġi vvalutat jekk inċentivi jew skema ta' inċentivi għandha impatt detrinentali fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom iwettqu analiżi globali billi jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha li jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju ta' impatt detrinentali fuq il-kwalità tas-servizz rilevanti għall-klijent, u kwalunkwe miżuri organizzazzjonali meħuda mill-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni li qed iwettqu attivitajiet ta' distribuzzjoni li jipprevjenu r-riskju ta' impatt detrinentali.

B'mod partikolari, huma għandhom jikkunsidraw il-kriterji li ġejjin:

- (a) jekk inċentivi jew skema ta' inċentivi tista' tipprovdi inċentiv sabiex l-intermedjarju jew impriża tal-assikurazzjoni jkunu jistgħu joffru jew jirrakkomandaw prodott tal-assikurazzjoni partikolari jew servizz partikolari lill-klijent, minkejja l-fatt li l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni jkunu jistgħu joffru prodott tal-assikurazzjoni differenti jew servizz li jilħaq aħjar il-ħtiġijiet tal-klijent;
- (b) jekk inċentivi jew skema ta' inċentivi tkun kompletament jew fil-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati fuq kriterji kwantitattivi kummerċjali jew jekk dan iqis xieraq kriterji kwalitattivi, li tirrifletti l-konformità mar-regolamenti applikabbli, il-kwalità tas-servizzi provduti lill-klijenti u s-sodisfazzjon tal-konsumatur;
- (c) il-valur tal-inċentiv imħallas jew riċevut f'relazzjoni mal-valur tal-prodotti u tas-servizzi pprovduti;
- (d) kemm jekk l-inċentiv huwa totalment jew prinċipalment imħallas fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni jew jestendi matul it-terminu sħiħ ta' dak il-kuntratt;
- (e) l-eżistenza ta' mekkaniżmu xieraq għar-riklamazzjoni ta' inċentiv f'każ li l-prodott jiskadi jew jiġi rtirat fi stadju bikri jew f'każ li l-interessi tal-klijent jkunu ġarrbu ħsara;

- (f) l-eżistenza ta' kwalunkwe forma ta' limitu varjabbli jew kontinġenti jew kwalunkwe tip ieħor ta' valur tal-aċċelleratur li hu miftuħ billi jilħaq mira bbażata fuq il-volum jew il-valur tal-bejgħ.

Kapitolu III

Valutazzjoni tal-idoneità u l-adegwatezza

TAQSIMA 1

VALUTAZZJONI TAL-IDONEITÀ

Artikolu 9

Informazzjoni li għandha tinkiseb għall-għanijiet tal-valutazzjoni tal-idoneità

1. Bl-iskop li jiġi pprovdut parir dwar prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni jew l-impriżi tal-assikurazzjoni għandu jiddeterminaw il-firxa tal-informazzjoni li trid tinġabar mingħand il-klijent jew klijent potenzjali fid-dawl tal-karatteristiċi kollha li l-parir jingħata lill-klijent jew klijent potenzjali.
2. Mingħajr preġudizzju għall-fatt li, skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, kwalunkwe kuntratt propost għandu jkun konsistenti mad-domandi u l-ħtiġijiet tal-klijent, intermedjarji jew impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jiksbu mingħand il-klijenti jew klijenti potenzjali dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa għalihom biex jifhmu l-fatti essenzjali dwar klijent jew klijent potenzjali u li jkollhom bażi raġonevoli biex jiġi ddeterminat li rakkomandazzjonijiet personali lill-klijent jew klijent potenzjali jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:
 - (a) jissodisfaw l-oġettivi ta' investiment tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali, inkluża t-tolleranza tar-riskju ta' dik il-persuna;
 - (b) jissodisfaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali, inkluża l-abbiltà ta' dik il-persuna li ġġarrab telf;
 - (c) huwa tali li l-klijent jew il-klijenti potenzjali għandhom l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa fil-qasam ta' investiment rilevanti għat-tip speċifiku ta' prodott jew servizz.
3. L-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali, inkluż il-kapaċità ta' dik il-persuna li ġġarrab telf, għandha tinkludi, meta rilevanti, l-informazzjoni dwar is-sors u l-limitu tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali ta' dħul regolari, tal-assi, inklużi assi likwidi, l-investimenti u l-beni immobbli, u l-impenji finanzjarji regolari. Il-livell ta' informazzjoni miġbura għandha tkunu xierqa għat-tip speċifiku ta' prodott jew servizz li qed jiġi kkunsidrat.
4. L-informazzjoni dwar l-oġettivi ta' investiment tal-klijenti jew tal-klijenti potenzjali, inkluża t-tolleranza tar-riskju ta' dik il-persuna, għandha tinkludi, meta rilevanti, informazzjoni dwar id-durata li għaliha l-klijent jew il-klijent potenzjali jixtieq iżomm l-investiment, il-preferenzi tiegħu fejn jidħol it-teħid tar-riskju, il-profil tar-riskju tiegħu, u l-finijiet tal-investiment. Il-livell ta' informazzjoni miġbura għandu jkun xieraq għat-tip speċifiku ta' prodott jew servizz li qed jiġi kkunsidrat.
5. Jekk l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni ma tiksibx l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-

intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni ma għandhomx jagħtu parir dwar prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni lill-klijent jew klijent potenzjali.

6. Jekk jiġi pprovdut parir dwar prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, intermedjarju tal-assikurazzjoni jew impriża tal-assikurazzjoni ma għandhomx jagħmlu rakkomandazzjoni meta l-ebda prodott mhu xieraq għall-klijent jew klijent potenzjali.
7. Meta jagħtu l-parir li jinvolvi bdil bejn l-assi ta' investiment sottostanti, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom ukoll jiġbru l-informazzjoni meħtieġa dwar l-assi ta' investiment sottostanti eżistenti tal-klijent u l-assi ta' investiment ġodda rakkomandati u għandhom iwettqu analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji mistennija tal-bidla, b'tali mod li jkunu raġonevolment kapaċi li juru li l-benefiċċji tal-bdil huma mistennija jkunu akbar mill-kostijiet.

Artikolu 10

Kredibilità tal-informazzjoni

L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li l-informazzjoni miġbura dwar il-klijenti u l-klijenti potenzjali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-idoneità hija kredibbli. Tali passi għandhom jinkludu, imma mhumiex limitati għal, dan li ġej:

- (a) l-iżgurar li l-klijenti huma konxji tal-importanza li jipprovdu informazzjoni preċiża u aġġornata;
- (b) l-iżgurar li l-għodod kollha, bħall-għodod tal-profilu tal-valutazzjoni tar-riskju jew għodod li jivvalutaw l-għarfien u l-esperjenza tal-klijent, imħaddma fil-proċess tal-valutazzjoni ta' idoneità huma adatti għall-iskop tagħhom u huma mfassla b'mod xieraq għall-użu mal-klijenti tagħhom, bi kwalunkwe limitu identifikat u mitigat b'mod attiv permezz tal-proċess tal-valutazzjoni ta' idoneità;
- (c) l-iżgurar li l-mistoqsijiet użati fil-proċess huma probabbli li jinftiehem mill-konsumaturi u sabiex jinqabad rifless preċiż tal-oġettivi u l-ħtiġijiet tal-klijent u l-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq valutazzjoni tal-idoneità;
- (d) it-teħid ta' passi, kif xieraq, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-informazzjoni tal-klijent, bħall-ikkunsidrari ta' jekk hemmx ineżattezzi ovvji fl-informazzjoni pprovduta mill-klijent.

Artikolu 11

Komunikazzjoni mal-klijenti rigward il-valutazzjoni tal-idoneità

L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni ma għandhom joħolqu l-ebda ambigwiżà jew konfużjoni dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fil-proċess li jivvalutaw l-idoneità ta' prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97. L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jinfurmaw lill-klijenti, b'mod ċar u sempliċi, li r-raġuni għall-valutazzjoni tal-idoneità huwa li jippermettulhom li jaġixxu fl-aqwa interess tal-klijent.

Artikolu 12

Parir awtomizzat

Ir-responsabbiltà tal-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni tal-awditur biex iwettqu valutazzjoni tal-idoneità skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE)

2016/97 ma għandhiex tonqos minħabba li parir dwar prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni jingħata b'mod sħiħ jew parzjalment permezz ta' sistema semiawtomatizzata jew awtomatizzata.

Artikolu 13

Assikurazzjoni ta' grupp

Fir-rigward ta' grupp ta' assikurazzjoni, l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw politika dwar min għandu jkun soġġett għal valutazzjoni tal-idoneità f'każ li jiġi konkluż kuntratt tal-assikurazzjoni f'isem grupp ta' membri u kull membru individwali ma jistax jieħu deċiżjoni individwali biex jidħol fih. Tali politika għandha tinkludi wkoll regoli dwar kif din il-valutazzjoni se ssir fil-prattika, inkluża kif se tinġabar informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-oġġettivi ta' investiment.

L-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni għandhom jirreġistraw il-politika stabbilita skont l-ewwel paragrafu.

Artikolu 14

Stqarrija ta' idoneità

1. Jekk jiġi pprovdut parir dwar l-idoneità ta' prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jipprovdu dikjarazzjoni lill-klijent (dikjarazzjoni ta' idoneità) li tinkludi dan li ġej:
 - (a) deskrizzjoni tal-parir mogħti;
 - (b) informazzjoni dwar kif ir-rakkomandazzjoni provduta hi adatta għall-klijent, b'mod partikolari dwar kif tista' tissodisfa:
 - (i) l-oġġettivi ta' investiment tal-klijenti, inkluża t-tolleranza tar-riskju ta' dik il-persuna;
 - (ii) is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijenti, inkluża l-abbiltà ta' dik il-persuna li ġġarrab telf;
 - (iii) L-għarfien u l-esperjenza tal-klijenti.
2. L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti, u għandhom jinkludu d-dikjarazzjoni dwar l-idoneità, l-informazzjoni dwar jekk prodott ta' investiment fl-assikurazzjoni rakkomandati hux probabbli li twassal lill-klijent biex jiġi mitlub ifittex rieżami perġodiku tal-arranġamenti tagħhom.
3. Jekk intermedjarju ta' assikurazzjoni jew impriża ta' assikurazzjoni jkunu infurmwaw lill-klijent li se jwettqu valutazzjoni perġodika dwar l-idoneità, id-dikjarazzjonijiet sussegwenti wara li l-ewwel servizz ikun stabbilit jistgħu jkunu limitati għal bidliet f'servizzi jew assi ta' investiment sottostanti, u / jew iċ-ċirkostanzi tal-klijent, mingħajr ma jiġu ripetuti d-dettalji kollha li jinsabu fl-ewwel dikjarazzjoni.
4. L-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni li jipprovdu valutazzjoni perġodika dwar l-idoneità għandhom jirrevedu, f'konformità mal-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom, l-adeqwatezza ta' prodott ta' investiment fl-assikurazzjoni rakkomandati mill-inqas kull sena. Il-frekwenza ta' din il-valutazzjoni

għandha tiżdied skont il-karatteristiċi tal-klijent, bħalma huma t-tolleranza tar-riskju, u n-natura tal-prodott ta' investiment rakkomandat ibbażat fuq l-assikurazzjoni.

TAQSIMA 2

VALUTAZZJONI TAL-ADEGWATEZZA

Artikolu 15

Proċedura ta' valutazzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-fatt li, skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, kwalunkwe kuntratt propost għandu jkun konsistenti mad-domandi u l-bżonnijiet tal-klijent, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni jew l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom jiddeterminaw jekk il-klijent ikollu l-għarfien u l-esperjenza neċessarji biex jifhem ir-riskji involuti fir-rigward tal-prodott jew tas-servizz propost jew mitlub meta jivvalutaw jekk servizz jew prodott tal-assikurazzjoni mqassam skont l-Artikolu 30(2) tad-Direttiva (UE) 2016/97 huwiex xieraq għall-klijent.

Artikolu 16

prodotti ta' investiment fl-assikurazzjoni mhux kumplessi

Prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala mhux kumpless għall-finijiet tal-Artikolu 30(3)(a)(ii) tad-Direttiva (UE) 2016/97, fejn dan jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

- (a) huwa jinkludi valur ta' maturità minimu garantit kuntrattwalment li tal-inqas hu l-ammont imħallas mill-konsumatur wara t-tnaqqis ta' spejjeż leġittimi;
- (b) ma għandux ikun fih klawżola, kundizzjoni jew jikkawża b'tali mod li tħalli l-impriża ta' assikurazzjoni li materjalment tbiddel in-natura, il-profil tar-riskju, jew il-pagament tal-prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni;
- (c) jipprovdi opzjonijiet għal tisrif jew b'xi mod ieħor jirrealizza l-prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni għal valur li jkun disponibbli għall-klijent;
- (d) li ma jinkludu l-ebda ħlasijiet espliċiti jew impliċiti li għandhom l-effett li, għalkemm teknikament hemm għażliet għal tisrif jew xort'oħra ta' realizzar tal-prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni, dan jista' jikkawża ħsara irraġonevoli għall-klijent billi l-ħlasijiet jkunu sproporzjonati għall-ispiża lill-impriża tal-assikurazzjoni;
- (e) bl-ebda mod ieħor ma jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli għall-konsumatur li jifhem ir-riskji involuti.

TAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-IDONEITÀ U L-ADEGWATEZZA

Artikolu 17

Informazzjoni li għandha tinkiseb mill-klijent

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 30(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-informazzjoni meħtieġa għandha tinkiseb permezz ta' intermedjarji tal-assikurazzjoni u impriżi ta' assikurazzjoni fir-rigward il-klijenti jew l-għarfien u l-esperjenza rilevanti ta' klijenti

potenzjali fil-qasam tal-investment għandha tinkludi, fejn ikun relevanti, dan li ġej, sa fejn addattat għan-natura tal-klijent, u n-natura u t-tip ta' prodott jew servizz offrut jew mitlub, inklużi l-kumplessità tagħhom u r-riskji involuti:

- (a) it-tipi ta' servizz, it-tranżazzjoni, il-prodott ta' investment ibbażat fuq l-assikurazzjoni jew strument finanzjarju li magħhom il-klijent jew klijent potenzjali huwa familjari;
 - (b) in-natura, in-numru, il-valur u l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet tal-klijenti jew ta' klijenti potenzjali fi prodotti ta' investment fl-assikurazzjoni jew strumenti finanzjarji u l-perjodu li tulu twettqu;
 - (c) il-livell ta' edukazzjoni, u l-professjoni jew il-professjoni rilevanti preċedenti tal-klijent jew tal-klijent potenzjali.
2. L-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni ma għandhomx jiskoraġġixxu lil klijent jew klijent potenzjali milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-Artikolu 30(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/97.
 3. Meta l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-Artikolu 30(1) jew (2) tad-Direttiva (UE) 2016/97 diġà ġiet miksuba skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni ma għandhomx jitolbuha mill-ġdid mingħand il-klijent.
 4. L-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni għandhom ikunu intitolati li jiddependu fuq l-informazzjoni pprovduta mill-klijenti jew mill-klijenti potenzjali sakemm ma jkunux konxji jew imisshom ikunu konxji li l-informazzjoni hija mingħajr dubju skaduta, ineżatta jew mhux kompluta.

Artikolu 18

Rapport per iodiku

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 185 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, l-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni għandhom jipprovdu lill-klijent b'rapport per iodiku, fuq mezz li jservi għal żmien twil, tas-servizzi pprovduti u tat-tranżazzjonijiet imwettqa f'isem il-klijent.
2. Ir-rapport per iodiku meħtieġ skont il-paragrafu 1 għandu jipprovdi analiżi ġusta u bilanċjata tas-servizzi pprovduti lil u tranżazzjonijiet imwettqa f'isem dak il-klijent matul il-perjodu tar-rapportar u għandu jinkludi, jekk rilevanti, l-ispejjeż totali assoċjati ma' dawn is-servizzi u t-tranżazzjonijiet, u l-valur ta' kull assi ta' investment sottostanti.
3. Ir-rapport per iodiku meħtieġ skont il-paragrafu 1 għandu jiġi pprovdut mill-inqas kull sena.

⁶ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assikurazzjoni u tar-riassikurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1)

Artikolu 19
Żamma ta' rekords

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, l-intermedjarji tal-assikurazzjoni u l-impriżi tal-assikurazzjoni għandhom iżommu rekords għall-valutazzjoni tal-idoneità jew tal-adeqwatezza mwettqa f'konformità mal-Artikolu 30(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/97. Ir-rekords għandhom jinkludu l-informazzjoni miksuba mill-konsumatur u kwalunkwe dokumenti miftiehma mal-klijent, inklużi dokumenti li jistabbilixxu d-drittijiet tal-partijiet, kif ukoll kundizzjonijiet oħra li skonthom l-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni se jipprovdu servizzi lill-klijent. Tali rekords għandhom jinżammu għal mill-anqas għat-tul tar-relazzjoni bejn l-intermedjarju jew l-impriża tal-assikurazzjoni u l-klijent.
2. Fil-każ ta' valutazzjoni ta' idoneità meħuda skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97, ir-rekord għandu jinkludi wkoll dawn li ġejjin:
 - (a) ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-idoneità;
 - (b) ir-rakkomandazzjoni mogħtija lill-klijent u d-dikjarazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament;
 - (c) kwalunkwe bidliet li jsiru mill-intermedjarju ta' assikurazzjoni jew l-impriża ta' assikurazzjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-idoneità, b'mod partikolari kwalunkwe bidla għat-tolleranza tar-riskju tal-klijent;
 - (d) kwalunkwe bidla fl-assi sottostanti ta' investiment.
3. Fil-każ ta' valutazzjoni ta' idoneità meħuda skont l-Artikolu 30(2) tad-Direttiva (UE) 2016/97, ir-rekord għandu jinkludi wkoll dawn li ġejjin:
 - (a) ir-riżultat ta' valutazzjoni tal-adeqwatezza;
 - (b) kwalunkwe twissija mogħtija lill-klijent fejn il-prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assikurazzjoni ġie vvalutat bħala potenzjalment mhux xieraq għall-klijent, jekk il-klijent talab biex jipproċedi biex jikkonkludi l-kuntratt minkejja t-twissija u, jekk applikabbli, jekk l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni aċċettaw it-talba tal-klijent biex jipproċedu bil-konklużjoni tal-kuntratt;
 - (c) kwalunkwe twissija mogħtija lill-klijent fejn il-klijent ma pprovdix informazzjoni suffiċjenti biex jippermetti lill-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni biex jivvalutaw l-adeqwatezza tal-prodott ta' investiment ibbażat fuq assikurazzjoni, kemm jekk il-klijent talab biex jipproċedi bil-konklużjoni tal-kuntratt minkejja t-twissija u, jekk applikabbli, jekk l-intermedjarju tal-assikurazzjoni jew l-impriża tal-assikurazzjoni aċċettaw it-talba tal-klijent biex jipproċedu bil-konklużjoni tal-kuntratt.
4. Ir-rekords għandhom jibqgħu jinżammu f'mezz li jippermetti l-ħażna tal-informazzjoni b'mod aċċessibbli għal referenza fil-futur mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tkun tista' taċċessahom malajr, biex tirrikostitwixxi

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

kull element b'mod ċar u preċiż u biex tidentifika faċilment kull tibdil, korrezzjoni jew emendi oħra, u l-kontenut tar-rekords qabel tali modifiki.

Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 20

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mit-23 ta' Frar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, 21.9.2017

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER